# PALAZZI MEDJEVALI

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

**Fil-qedem, l-Imdina kienet il-belt kapitali ta' Malta. Ir-Rumani, li ġew Malta għall-ħabta ta' nofs it-tielet seklu qabel Kristu, kienu jsejħulha "Melita". Dik il-belt kienet tħaddan li Mdina tallum, u testendi ruħha sal-foss li jgħaddi minn ħdejn Saura, il-knisja ta' S. Franġisk, il-knisja parrokkjali tar-Rabat, il-knisja ta' Casha u Għeriexem. L-Għarab, li ħadu Malta taħt idejhom fl-870, ċekknu dik il-belt billi għalquha, kif inhi llum, bis-swar, għamluha belt-fortizza u sejħulha "Mdina", li tfisser "il-Belt". Il-Kavallieri, li ħakmu Gżiritna fl-1530, tawha isem ieħor "Notabile".**

Bħala belt kapitali kienet iċ-ċentru amministrattiv tal-Gżira. U fi żmien il-Kavallieri baqgħet is-sedi ewlenija tal-"Universita'" jew "Consiglio Popolare", li kellu xi jeddijiet, fosthom il-ħażna tal-qamħ minn żmien għall-ieħor.

## HIEMDA IZDA MAJESTUZA

Għalhekk wieħed m'għandux għax jistagħġeb li f'din il-belt majestuża, għalkemm ħiemda, kien hemm f'kull żmien bini mill-isbaħ fi stilijiet differenti.

Inħallu fil-ġenb il-Villa Rumana, li qegħda 'l barra mis-swar ta' llum u nitħaddtu biss fuq il-bini fl-Imdina li għadu mizmum wieqaf bħala monument tal-arkitettura medjevali.

Fiż-Zmenijiet tan-Nofs, Malta kienet taħt l-influwenza siċiljana, sew fil-politika, kif ukoll fl-arti; u fl-arkitettura żviluppat li stil sikulo-normann b'ċerta individwalita' tagħha.

Meta wieħed jidħol fl-Imdina mill-Bieb ewlieni, in-naħa tas-Saqqajja, fit-trieqat dojoq tal-Belt Qadima (li kienet għalhekk imsejħa wkoll "Citta' Vecchia") jara palazzi mdaqqsin ta' stili differenti. Minn dawn, kif għidna, ser nagħżlu dawk mibnija bejn is-sekli tlettax u sittax: il-Palazz Inguanez, il-Palazz S. Sofija, il-Palazz Normann u l-Palazz Gatto Murina.

Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li dak iż-żmien il-pirati kienu ta' sikwit iħebbu għall-ibliet u l-irħula ta' Gżiritna u jagħmlu ħerba minnhom. Għalhekk, igħid Quentin Hughes, il-bini f'Malta ma setgħax ikun wisq ambizzjuż. Hu jagħti deskrizzjoni ġenerika tal-palazz medjevali malti. Il-palazzi kienu djar terrani b'ħitan ħoxnin; kellhom 3 kmamar: tan-nofs kellha bieb għal barra, żewġ bibien għaż-żewġ kmamar tal-ġnub u bieb ieħor għall-bitħa.

Għall-bidu tas-seklu XV bdew jinbnew djar bi pjan terren u sular ieħor fuqu, u d-djar terrani bdew iżidulhom pjan ieħor b'kamra kbira fuq it-3 kmamar t'isfel. Dawn bdew jinbidlu f'maħżen, kċina u remissa. It-taraġ għal fuq kien jitla' mill-bitħa. Maż-żmien dan beda jitgħatta u jinfed ġo loġġa. Is-soqfa t'isfel kienu jitqegħdu fuq arkati tal-ġebel imbegħdin qasba bejnithom; dawk ta' fuq kellhom saqaf fuq travi tal-injam aktarx miġjubin minn Sqallija. Il-faċċata ta' barra kienet sempliċi ħafna; iżda, biex tinkiser ftit il-monotonija, il-bieb u t-twieqi kienu jiżżejnu b'xi ornament imnaqqax madwarhom, u żdiedu strixxi mnaqqxin mat-tul kollu tal-bini, li bdew jagħtu speċi ta' gost gotiku.

## PALAZZ INGUANEZ

Kif taqbeż l-ewwel pjazzetta u tidħol fi Triq Villegaignon (Nicolo' de Villeganon kien wieħed mit-3 ambaxxaturi li l-Grammastru La Valette bagħat biex jieħdu sehem fil-Konċilju ta' Trentu u fl-istess ħin isibu xi mezzi biex jiġbru l-flus għall-bini tal-Belt Valletta), quddiem il-knisja ta S. Benedittu, wieħed jilmaħ, max-xellug, palazz qadim ħafna, b'bieb kbir u sabieħ.

Ma' kull naħa hemm fjakkoli tal-bronż, li jagħtu sura ta' qedem fuq faċċata li ma turix iż-żmien qadim tal-Palazz. Il-bieb oriġinali qiegħed fi Triq Mesquita. Dak il-palazz huwa d-dar tal-Familja Inguanez, waħda mill-eqdem familji nobbli, setgħana u għonja f'Malta.

Oriġinarjament dak il-kunjom kien Desguanez jew D'Inguanes. Il-familja Inguanez kienet tant magħġuba mir-Re Alfonsu V ta' Spanja li dan ippermetta li l-arma tagħhom tidher ukoll fuq il-Bieb ewlieni tal-Imdina. Sa żmien il-franċiżi, dik l-arma kienet tidher ukoll f'ħafna postijiet oħra f'Malta.

L-ewwel Inguanez li nafu bih kien il-Baruni Antonio Desguanez, li jiderh ismu f'dokument tal-1428. Il-membri ta' dik il-familja laħqu postijiet l-aktar għoljin f'Malta u fi Spanja — Kastellani, Kaptani, Gurati, — kif ukoll fil-Knisja ta' Malta.

Meta, fl-1432, is-Sultan Alfonso li semmejna ġie Malta, huwa għammar f'dik id-dar; u meta fl-1927 ir-Re Alfonso XIII ġie Malta, huwa ma naqasx li jagħmel żjara ta' kortesija lill-Familja Inguanez, illum Chesney-Inguanez, ġo dik id-dar storika, li, kif igħidu, għadha tgħożż ġo fiha ħafna teżori ġejjin mill-qedem. Ma kelli qatt ix-xorti nidħol fiha.

## NOFSU GDID NOFSU QADIM

Meta timxi iżjed il-ġewwa f'dik it-trieq u tgħaddi l-pjazza tal-Katidral, qabel ma tasal għall-Knisja tal-Karmnu tara l-Palazz imsejjaħ ta' S. Sofija, palazz qadim ħafna, aktarx l-eqdem fl-Imdina, mibni, kif igħidu, fl-1233. Dan ngħiduh għall-pjan terren, għax il-pjan ta' fuq, fi stil sikulo-normann, huwa reċenti.

L-iżjed imsemmi fost il-palazzi qodma tal-Belt Qadima huwa ċertament il-Palazz Falzon, jew id-Dar Normanna, kif insibuha. Din qegħda fl-istess triq mal-lemin qabel ma taqbad il-pjazza tas-sur. Kien mibni mil-Viċi-Ammirall Mikiel Falsone. Il-familja Falzon (Falsone jew Fauzone) dehret f'Malta fl-1399, meta ir-Re Aragoniż Martinu I ta

**(Ikompli fil-paġna 4)**

## PALAZZI MEDJEVALI

(Jaqbad mill-paġna 3)

lill-Antonju Falsone xi artijiet f'Malta. Il-familja ta' dan żammet hija wkoll karigi għolja f'Malta u fl-1495, Dun Mikiel Falsone laħaq kanonku tal-Katidral u Vigarju tal-Isqof Valguarnera. Tliet snin wara, laħaq Arċidjaknu u Vigarju Dun Nikol Falsone.

Il-faċċata tad-dar turi stil sikulo-normann. li, kif għidna, huwa stil sempliċi b'xi dekorazzjoni mattwieqi u bi strixxi ornamentali matul il-bini. Imma dik il-faċċata m'hiex l-oriġinali. Għaliex, meta nbniet id-dar, il-faċċata tagħha kienet fejn illum hemm il-bitħa. u l-bieb kien jinfetaħ fuq trieq li llum m'għadiex aktar. Meta nbniet, għall-ħabta tal-1495, kellha pjan wieħed. Fis-seklu ta' wara nbena l-pjan ta' fuq bit-twieqi doppji mżejna, li llum huma magħrufin għall-qedem u s-sbuħija tagħhom. Naraw bħalhom fi Sqallija u fl-Italja t'Isfel biss. Fuq il-bieb ukoll hemm "hood".

### KIEN B'XORTI L-GVERN MALTI

Jingħad li meta l-Kavallieri ġew Malta, il-Grammastru Filipp Villiers de L'Isle Adam ġiet ttrattat f'dik id-dar dak inhar li ħa l-pussess tal-Imdina. Maż-żmien, id-dar għaddiet għand il-Kaptan Olof F. Gollcher, li rrestawrha u reġa sewwilha xi ħsarat li sarulha fl-aħħar gwerra. Il-Kaptan u s-sinjura Gollcher ħallew il-Palazz b'dak kollu ta' ġo fih (fidded, pitturi u għamara qadima) lill-Ven. Ordni Gerosolmitan fis-Saltna Ngliża bil-ħsieb li jżommuha bħala Mużew. Dawn ma setgħux jaċċettaw dik il-kondizzjoni u d-Dar Normanna għaddiet għand il-Gvern Malti, taħt id-Dipartiment tal-Mużew Nazzjonali.

L-aħħar bini li nsemmu llum huwa l-Palazz Gatto-Murina li qiegħed fit-triq ta' l-istess isem, kantuniera ma' Triq Mesquita.

Il-familji Gatto u Murina kienu żewġ familji qodma ta' Malta, għonja u nobbli. Il-membri tagħhom żammew karigi għoljin fi Gżiritna. L-ewwel li ssemma kien Franġisku (Cicco) Gatto f'dokument tal-1350. Dan kien Kastellan (il-Kaptan) tal-Kastell ta' Malta. Imperja Gatto tħalltet bi żwieġ mal-familja Inguanez li ġa semmejna. Mill-familja Murina li storiku Abela jsemmi lil Guliermu, li fl-1370 kien Kaptan tal-Belt (tal-Imdina) u tal-Gżira.

Fil-Palazz ninnutaw is-sempliċita' tal-faċċata miksura bit-tiżjin tat-twieqi doppji bl-ornament fuqhom. Għallum biżżejjed.